MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2005

Numru 287/2004

**App Nru 287/04**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Haber**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Haber talli f'Jannar 1998, bil-lejl, ikkommetta serq ta' oggetti (ghamara antika) mill-fond numru 29, Triq Sant Ursola, Victoria, ghad-dannu ta' Carmelo Gatt u l-werrieta tieghu Karen Zerafa Boffa, liema serq huwa aggrvat bil-mezz, hin, persuna, lok u valur;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-24 ta' Novembru 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carmel Haber hati skond l-imputazzjoni kif dedotta u, fi kliem l-istess sentenza, illiberat *"…lill-imputat*

*bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija u dan sa zmien tlett snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446. Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza"* ;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Haber, minnu prezentat fl-14 ta' Dicembru 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma jew varjazzjoni taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' April 2005; ikkunsidrat:

L-aggravju principali (jigifieri mhux dak dwar il-"piena") hu bazikament li f'dan il-kaz ma kienx hemm serq ghax dak li ghamel l-appellant meta ha gradenza, pultruna u tlett vazuni tal-hgieg mir-residenza ta' Carmelo Gatt ma kienx jammonta ghal serq peress li hu kellu l-kunsens ta' l-imsemmi Gatt sabiex jiehu dawn l-oggetti. L-appellant jispjega fir-rikors ta' appell, permezz ta' l-abbili difensur tieghu, li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat ta' serq, fosthom li l-ittehid ikun sar *invito domino*. Hu jghid u jargumenta li effettivament huwa wera li kellu l-kunsens tas-sid. Ighid ukoll li se mai, galadarba dawn l-oggetti hadhom biex jithallas tax-xoghol li kien ghamel lil Gatt u li tieghu hu ma kienx thallas, ir-reat li jikkonfigura ruhhu ma huwiex dak ta' serq izda ta' *ragion fattasi*; izda peress li l-Avukat Generali ma indikax l-artikolu relattiv tal-ligi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, huwa ma jistax fi kwalunkwe kaz jinsteb hati ta' dan ir-reat, ossia r-reat skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha bl-akbar reqqa, u tiddikjara bla tlaqliq li assolutament ma tistax taqbel ma' l-appellant fit-tezi tieghu. Dwar il-fatti bazici ma jidhirx li hemm kontestazzjoni: f'xi zmien f'Jannar ta' l-1998, meta Carmelo Gatt kien jinsab rikoverat l-isptar, l-appellant dahal bil-lejl ghall-habta ta' l-10.30 pm fid-dar ta' l-imsemmi Gatt billi qabez minn fuq il-bejt tieghu ghal fuq dak ta' Gatt, nizel fil-bitha u dahal gewwa. Hemm ha

gradenza antika – stamata[1] li tiswa Lm1,200 – pultruna, wkoll antika – valur ta’ Lm300 – u tlett vazuni stmati li jiswew b’kollox Lm80. L-appellant, fl-istqarrija tieghu maghmula lill-Pulizija, ighid li dak inhar stess huwa kien mar jara lil Gatt fl-isptar biex ifakkru li hu (Gatt) kien ippromettielu li kien ser jikkumpansah, tax-xoghol ta’ tindif fid-dar li fl-imghaddi kien ghamillu u li tieghu kien ghadu ma thallasx, billi jaghtih xi ghamara, u jghid li l-imsemmi Gatt “dahaqlu”. L-appellant ikompli jghid, dejjem fl-istqarrija tieghu[2], li f’dak il-mument huwa qal lil Gatt li kien ser jiehu “l-gradenza u s-siggu l-kbir u cioe` il-pultruna”, u li ghal dan id-diskors Gatt qallu “Iva, iva”.

Il-qofol ta’ dan l-appell idur kollu kemm hu fuq kemm hija kredibbli l-versjoni moghtija mill-appellant ta’ dak li, skond hu, ghadda bejnu u bejn Gatt. Jibda biex jinghad li, kuntrarjament ghal dak li qed jippretendi l-appellant, il-prosekuzzjoni ghamlet il-prova inizjali sal-grad li trid il-ligi, mhux biss tat-tehid tal-oggetti (fatt, kif inghad, mhux kontestat) izda anke tan-nuqqas tal-kunsens tas-sid ghal dan it-tehid, u dan bil-prova, li tohrog mill-istess stqarrija ta’ l-appellant u korroborata minn deposizzjonijiet ohra, <u>tal-mod klandestin li bih l-appellant dahal fil-fond ta’ Gatt</u>. Din il-klandestinita` hija prova indizzjarja qawwija tan-nuqqas ta’ kunsens tas-sid. Kien jispetta, ghalhekk, lill-appellant li jipprova, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li hu verament kellu l-kunsens ta’ Gatt biex jiehu dawk l-oggetti, ghax jekk verament kellu tali kunsens, il-klandestinita` tal-access ghall-fond ma kienitx tibqa’ prova univoka tal-element tal-*invito domino*. Fil-fehma tal-Qorti, pero`, il-versjoni ta’ l-appellant hija mibnija kollha kemm hi fuq sensiela ta <u>improbabbilitajiet</u>. Infatti, hu improbabbli li l-appellant ripetutament kien imur jaghmel xoghol ta’ tindif fil-fond ta’ Gatt (qabel ma dehlet taghmel dan ix-xoghol Mary Caruana) u <u>qatt</u> ma thallas tas-servizzi tieghu, u dan aktar u aktar fid-dawl tad-deposizzjoni ta’ Mary Caruana (fol. 20 – 21). Hu wkoll improbabbli li persuna, bhalma kien Gatt, li jirrizulta li meta kien l-isptar kien preokkupat dwar meta kien ser jirritorna lura lejn daru, jibda jaghti

[1] Ara r-relazzjoni tal-perit nominat, Lawrence Caruana, a fol. 72 ta’ l-atti.
[2] L-appellant ghazel li ma jixhedx.

permess lil xi hadd biex inehhi oggetti mid-dar tieghu waqt li ghadu l-isptar, u hu ferm aktar improbabbli li dan ghamlu minghajr ma sar xi arrangament dwar kif Gatt kellu, se mai, jidhol fid-dar biex effettivament jiehu dawn l-oggetti. L-unika persuna li fiz-zmien rilevanti jidher li kellha access ghad-dar ta' Gatt kienet in-neputija tieghu Karen Zerafa Boffa (fol. 61 sa 63), li effettivament indunat bl-oggetti neqsin meta Gatt ikkonsenjala c-cavetta biex tmur tara d-dar u tara li kollox kien sew. Fl-ahharnett, sinjifikanti huwa l-fatt li, ghalkemm l-appellant jghid li Gatt qallu li seta' jiehu l-gradenza u l-pultruna, dwar il-vazuni ma kien hemm ebda diskors, u dan anke skond l-istess stqarrija. Eppure l-appellant ma iddejjaq xejn jiehu wkoll it-tlett vazuni li, bhall-gradenza u l-pultruna, huma ta' certu valur, biex, skond hu, jithallas tas-servizzi li kien ippresta lil Gatt.

Pero` anke li kieku wiehed kellu jemmen, ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss, li fil-jum ta' l-ittehid tal-oggetti verament ghadda d-diskors bejn Gatt u l-appellant kif riportat fl-istqarrija ta' l-istess appellant[3], tali diskors juri biss, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, li l-appellant ipprova japprofitta ruhhu mill-istat mentali evidentement gja konfuz ta' Gatt – sa Frar, meta l-Pulizija ppruvaw ikellmu lil Gatt, dan ma setghux jaghmluh ghax gew mgharrfa li dan kien qed ibati minn *senile dementia* – biex dan Gatt ilissen xi diskors biex l-appellant ikun jista' jghid li Gatt akkonsentixxa ghall-ittehid ta' l-oggetti, meta kellu jkun evidenti ghall-istess appellant li Gatt ma kienx fi stat li verament jaf x'inhu jghid. L-istess kliem "Iva, iva" wahedhom u fil-kuntest li fihom intqalu huma indikattivi – u wiehed m'ghandux ghalfejn ikun newro-kirurgu biex japprazza dan – ta' mohh aljenat.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni ppruvat l-elementi kollha ta' l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, u li konsegwentement din il-Qorti b'ebda mod ma ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti fir-rigward tas-sejbien ta' htija. Kwantu, imbghad, ghall-"piena", fil-verita` ma hemmx piena, izda biss liberazzjoni taht kundizzjoni, li fic-cirkostanzi kien

[3] Ara fol. 16 ta' l-atti.

provvediment miti zzejjed ghal dak li effettivament ghamel l-appellant. Galadarba, pero`, ma hemmx appell da parti tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma tista’ tvarja xejn f’dan ir-rigward.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li t-terminu ta’ tlett snin jibda jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------